## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR ROXANNE TABONE) V. [redacted]

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' Awwissu 2023**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu ai termini tal-Art. 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta ddenunzjat lil [redacted] ta' 15-il sena, iben Christopher u Shirley Al Omar xebba Abela, mwieled nhar is- 7 ta` Awwissu 2007 gewwa tal-Pieta`, 102, Triq il-Bazilika, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita Maltija bin-numru [redacted] (hawn imsejjaħ "id-Denunzjat"),

wara li rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu ordnat li d-denunzjat jitressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 fid-9.30am,

wara li rat in-nota tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud ippreżentata fit-3 ta' Lulju 2023 (bid-dokumenti annessi magħha), in-nota tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* ippreżentata fis-17 ta' Lulju 2023 u n-noti sussegwenti tagħha tat-18 ta' Lulju 2023 u tal-21 ta' Lulju 2023,

wara li fis-seduta tal-25 ta' Awwissu 2023 semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Maria Mifsud u ta' Stephanie Galea,

wara li rat is-sentenza li kienet ġiet deċiża fil-konfront tad-Denunzjat minn din il-Qorti fl-24 ta' Awwissu 2021,

wara li semgħet it-trattazzjoni,

qed tagħti din is-

**Deċiżjoni**

**Il-Qorti tqis illi d-Denunzjat m'għarafx jieħu l-opportunitajiet illi ngħatawlu għal diversi drabi wara s-sentenza tal-24 ta' Awwissu 2021. Għalhekk wara li rat l-artikoli tal-liġi relevanti (Art. 37, 41, 261(f)(ġ), 270, 271(ġ), 281(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15 (1)(a) tal- Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Art. 26(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed issib lid-Denunzjat ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u Trattament tal-24 ta' Awwissu 2021 kif sussegwentement varjati u għalhekk sejra titratta mad-Denunzjat dwar dawk ir-reati li instab ħati tagħhom fis-sentenza fid-data imsemmija.**

**Il-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni l-fatt illi fiż-żmien meta wettaq ir-reati li tagħhom instab hati fl-24 ta' Awwissu 2021, il-ħati kellu erbatax (14)- il sena iżda kien qiegħed jaġixxi b'hażen (*mischievous discretion*) kif l-istess kien qiegħed jaġixxi meta kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni msemmija. Għalhekk il-Qorti qed tapplika tnaqqis ta' grad mill-piena applikabbli ai termini tal-Art. 37(2) tal-Kap. 9 u qed tikkundannah għal piena karċerarja ta' disgħa (9) xhur. In oltre tiskwalifikah milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sentejn.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y. M. Pace — Dep. Reġistratur